# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Ottubru 2015

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex it-traffikar tal-bnedmin, li huwa forma moderna ta' jasar, jitwaqqaf darba għal dejjem.**

## Ninġabar:

Għal ftit tal-ħin inħalli warajja l-ħsibijiet li għandi u nidħol fija nnifsi. Niggosta l-kwiet li qiegħed fih... Nimmaġina li qiegħed mal-Mulej inħarsu flimkien lejn l-imġiba tal-bnedmin... min hu ġeneruż u min hu qarrieqi... Niftakar f'dawk li sabu ruħhom skjavi ta' ħaddieħor u nagħmel talba għalihom...

## Fatt ċkejken:



Ritratt meħud mill-website: www.patheos.com

Fil-bidu ta' żgħożiti tħawwadt bil-kbir. Fil-vojt li kont fih, xi ħadd brikkun qarraq bija u mlieli rasi bil-ħolma ta' mpjieg tajjeb f'pajjiż ieħor. Is-sinjurun li ġie jilqagħni l-airport kellu fommu taz-zokkor iżda ftit tal-ġranet wara skoprejt li qalbu kienet tal-bronż. Kont bla ras u ma tajtx kas li kien ġabni niddependi għal kollox minnu. Ħa vantaġġ mill-bluha tiegħi u kkmandani nagħmel daqqa ħaġa u daqqa oħra, affarijiet li qatt ma xtaqthom. U l-qligħ kollu għalih!

B'xorti tajba, daqs xahar wara, ftaħt qalbi ma persuna li m'għandix fomm biex nirringrazzjaha. Laqqgħetni ma' nies tal-Knisja li riedu jgħinuni. Fetħuli għajnejja li ma kienx hemm mod ieħor ħlief li nixli lil dan is-sinjurun. Ma kienx faċli għalija. Kont konvinta li l-pulizija lilu se jemmnu, għax tal-post u tal-flus, u mhux lili, povra barranija.

Iżda dawn in-nies twajba rnexxielhom jirbħu l-fiduċja tiegħi. Sabuli post fejn nista' nistaħba minn dan ir-raġel ħażin. Ħadu ħsieb nara psikologa, ipprovdewli avukat, għenuni nimla l-karti li kien hemm bżonn u qawwewli qalbi biex nafda fis-sistema tal-qrati. Għaddew disa' xhur minn meta xlejt is-sinjurun sakemm inqatgħet is-sentenza. Ma ħadt l-ebda kumpens ħlief is-sodisfazzjon li ma kienx se jibqa' jilgħab bija kif irid.

Lura f'pajjiżi il-pulizija riedu jkunu jafu min kien dak li qarraq bija mill-bidunett. Serrħuli rasi li riedu biss jipproteġu lil tfajliet oħra biex ma jgħaddux mill-istess inkubu tiegħi. Tal-anqas ma nkunx sofrejt għalxejn u l-waħx li għaddejt minnu jkun jista' jservi ta' għajnuna għall-oħrajn...

## Naħseb ftit:

Ġieli daħku bija u daħħluni fi xkora li ma kienx faċli ninqala' minnha? Kif ħassejtni dak iż-żmien?

Qatt osservajt kemm nies jisservew b'oħrajn għall-iskopijiet ta' moħħhom?

Nemmen li jeżistu nies tajba wkoll, li lesti jagħmlu minn kollox biex jgħinuk?

**Nitlob:**

Nitolbuk Mulej tiftħilna għajnejna għal din il-pjaga dinjija tat-traffikar ta' 21 miljun ruħ, il-biċċa l-kbira tfajliet. Nitolbuk fuq kollox, tiftħilna qalbna għalihom biex isibu ma' min jitkellmu u min jgħinhom jinqalgħu mill-ħama li niżlu fih. Agħmel li nkunu strument ta' tama ġdida għalihom.

**Kliem ta' dawl:**

Ara ma jgħidux li żammejt ħalqi magħluq meta kellhom bżonni. (William Wilberforce)

**X'nista' nagħmel:**

Neżamina bir-reqqa lili nnifsi: x'jiġi l-ewwel f'ħajti, in-nies jew l-affarijiet u l-proġetti tiegħi?

Inħares madwari u nara nilmaħx lil min juża 'l ħaddieħor għall-finijiet ta' moħħu. Naħseb kif għandi niġbidlu l-attenzjoni.